MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1252/2003

Associated Supplies Ltd

Vs

Frans u Cettina konjugi
Degiorgio

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u sbatax-il lira Maltija u tletin centezmu (Lm1117.30), import ta' tlieta u ghoxrin (23) kambjala skaduti u dovuti bejn is-27 ta' Awissu 2001 u s-27 ta' Gunju 2003, liema somma tinkludi l-imghax legali sal-31 ta' Mejju 2003..

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenuti waqt is-seduta tal-lum.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u sbatax-il lira Maltija u tletin centezmu (Lm1117.30), bl-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------